VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 18,970, 28 ta' Settembru, 2012
Taqsima B

A.L. 319 tal-2012

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-*INCOME* (KAP. 123)

Regoli tal-2012 li jemendaw ir-Regoli dwar Individwi ta' Valur Nett Għoli - Persuni li mhumiex Ċittadini tal-UE/ŻEE/Svizzera (Emenda Nru. 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 56(23) u 96 tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, il-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment għamel dawn ir-regoli li ġejjin:

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regoli hu r-Regoli tal-2012 li jemendaw ir-Regoli dwar Individwi ta' Valur Nett Għoli - Persuni li mhumiex Ċittadini tal-UE/ŻEE/Svizzera (Emenda Nru. 2), u dawn ir-regoli għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regoli dwar Individwi ta' Valur Nett Għoli - Persuni li mhumiex Ċittadini tal-UE/ŻEE/Svizzera, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regoli prinċipali". L.S. 123.130

(2) Dawn ir-regoli għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fl-1 ta' Jannar, 2011.

Temenda r-regola 2 tar-regoli prinċipali.

2. Ir-regola 2 tar-regoli prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) fit-tifsira "Kummissarju" minflok il-kliem "il-Kummissarju tat-Taxxi Interni" għandhom jidħlu l-kliem "il-Kummissarju tat-Taxxi";

(b) minnufih wara t-tifsira "drittijiet miksuba taħt din il-liġi", għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "individwu ta' valur nett għoli" tfisser benefiċjarju skont ir-regola 4;"; u

(ċ) fit-tifsira "kuntratt li jikkwalifika", minflok il-kelma "preskritta" għandha tidħol il-kelma "approvata".

Iżżid regola ġdida mar-regoli prinċipali.

3. Minnufih wara r-regola 4 tar-regoli prinċipali għandha tiżdied ir-regola ġdida li ġejja:

VERŻJONI ELETTRONIKA

"Ċertifikat mill-Kummissarju.

4A. Għall-finijiet ta' dawn ir-regoli u taħt is-setgħat mogħtija lilu permezz tad-delega maħruġa mill-Ministru responsabbli għall-immigrazzjoni skont l-artikolu 26 tal-Att dwar l-Immigrazzjoni, il-Kummissarju jista' joħroġ ċertifikat li għandu jitqies li jikkostitwixxi permess għal residenza maħruġ skont l-artikolu 7 tal-Att dwar l-Immigrazzjoni, lil persuna li hija parti f'kuntratt li jikkwalifika:

Kap. 217.

Kap. 217.

Iżda kull dritt mogħti lil persuna li hija parti f'kuntratt li jikkwalifika taħt l-artikolu 7 tal-Att dwar l-Immigrazzjoni jew permezz ta' ċertifikat maħruġ taħt dawn ir-regoli m'għandhux jestendi għal xi persuna oħra ħlief għad-dipendenti tal-istess persuna kif imfisser f'dawn ir-regoli.".

Temenda r-regola 6 tar-regoli prinċipali.

4. Ir-regola 6 tar-regoli prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) il-paragrafu (f) tagħha għandu jiġi mħassar; u

(b) il-paragrafi (g), (h) u (i) tagħha għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala l-paragrafi (f), (g) u (h) rispettivament.